**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888 ext 1,2,3,4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 37

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 37 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 21ta'Ottubru 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout — 15 ta' Ottubru, 2021
Segretarju Ezekuttiv

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online
- Graziella Galea — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888 ext 1,2,3,4

**Laqgħa bdiet 5.30pm**

### 37.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

### 37.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (36)

Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet korrezzjoni biex qabel l-iskeda tal-pagamenti jiżdied "li l-Kunsilliera Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li l-item skeda ta' pagamenti tħalla barra mill-aġenda".

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq emenda biex in-numru 33 indikat fl-aġenda jinbidel u jsir 36.
Issekonda ż-żewġ mozzjonijiet is-Sindku Alfred Grima.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 36 hekk kif emendati.

### 37.3 Punti mill-Minuti

**Uffiċju Amministrattiv**

Is-Sindku rrefera għal korrispondenza li għaddiet bejn l-Awtorita ta' l-Artijiet u l-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar, b'mod speċjali għal email ta' 20 ta' Settembru 2021. Fejn ġie magħruf, li l-art li tinsab fi triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar, suġġerita li tiġi devoluta lill-kunsill, fiha ċirca ta' 800 metru kwadru u li huwa meħtieġ li jsir survey ta' l-art biex jiġi determinat il-qis bil-preċiż. Fit-22 ta' Settembru 2021, il-kunsill ġie magħrraf, li peress li l-art hija ta' l-ex knisja l-Awtorita ta' l-Artijiet qeda tivverifika dwar l-art inkwistjoni ma l-Uffiċju Konġunt u għaldaqstant infurmaw lill-kunsill biex ma jikkummissjona l-ebda survey sakemm jiġi stabbiliet il-kobor ta' l-art disponibbli.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk hemmx xi problema dwar l-art ta' Parades Street.
Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa mac-CEO ta' l-Awtorita ta' l-Artijiet, li għalija kien preżenti l-Avukat tal-Kunsill Dr David Bonello u s-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout, il-kunsill ġie nfurmat li fil-parlament Malti ghaddiet ligi li tipprojbixxi tpartit ta' art pubblika ma' dik ta' terzi persuni.

Inġibdet l-attenzjoni li l-Ufficcju Amministrativ baqa' qatt ma ħareġ sejħa pubblika ghax-xiri u/jew kiri ta' art jew binja għal uzu tal-Kunsill. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li tinħareġ is-sejħa pubblika. Il-kunsill qabel li d-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa 29 ta' l-4 ta' Marzu 2021 li tinħareġ sejħa pubblika għal xiri u/jew kiri ta' art/propjeta biex isservi ta' uffiċċju amministrattiv għanda tingħata prijorita b'konsultazzjoni mal-perit tal-kunsill. Dan fid-dawl li l-lokazzjoni ta'l-uffiċju preżenti tiskadi fil-31 ta' Lulju, 2025. Reġa ġie ċċarat, li l-kunsill xorta se jibqa jagħmel l-enfasi tiegħu ma l-Awtoritajiet konċernati biex possibilment l-art fi Triq San Ġorġ tiġi devoluta lill-kunsill.
Il-kunsill approva nem com.

**Korsijiet tal-Kompjuter**
Il-ftehim mal-kumpanija li se tofri servizz ser jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin.

**Kors ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ**
Il-kunsill għadu jistenna li jirċievi mingħand min jorganizza l-kors. Intqal li hemm il-ħtieġa li jsir kuntatt mill-ġdid mill-kunsill.

Inġibdet l-attenzjoni, li l-Kunsillier Anthony Attard kien għal darba oħra bla qmis on-line.

Is-Sindku Alfred Grima nforma lill-Kunsillier Anthony Attard li se jissospendiħ mill-laqgħa b'mod immedjat konsegwenza li ma kienx libes diċenti. Fakkar, li dan kien it-tieni każ tiegħu. Reġa' daħal lura għall-laqgħa.

**37.4 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**Ċir AKL 2021/092 ĠEMMA**
Il-Kunsillier Anthony Delia spjega dwar l-attendenza tiegħu għas-sezzjoni ta' nformazzjoni dwar is-suġġett ĠEMMA fejn l-intenzjoni hi li jitwassal tagħrif lir-residenti u tfal dwar l-immaniġjar ta' finanzi personali. Is-Sindku Alfred Grima irringrazzjaħ għas-sehem tiegħu.
Il-Kunsill approva li jieħu sehem fl-iniżjattiva fejn issir laqgħa.

**Ċir AKL 2021/095 MOU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**
AKL iffirmat ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex jiġi ffaċilitat li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jagħmlu użu mis-servizz ta' tekniċi esperti kif ukoll ħaddiema assenjati mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bi qbil dwar skeda ta' ħlassijiet vantaġġużi.
Il-Kunsill approva li jsir użu minn dan is-servizz fejn meħtieġ.

**Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn - l-Awtorita ta' l-Artijiet**
Dwar l-iskema s-Sindku Alfred Grima informa li hu ressaq suġġeriment lid-DLG biex dawk il-proġetti li saru qabel is-sena 2011 ikunu ukoll eleġibli għal ksieb ta' dawn il-fondi. Għaldaqstant hu ressaq mozzjoni biex il-kunsill japplika għal lis-skema Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn - Proġetti Infrastrutturali Maġġuri bil-proġett ta' Ġnien il-Millenju, dejjem jekk jintlaqa s-suġġeriment imressaq. Issekonda l-mozzjoni l-Viċi Sindku Carlos Zarb.
*Il-Kunsill approva nem.com*

**Ċirkulari 8_2021 - Offsetting tal-Ispejjez relatati mal-Wasteserv**
Iċ-Ċirkolari ġiet għall-attenzjoni tal-kunsill.

**Ċirkulari 09/2021 - Pagamenti mill-Kunsilli Lokali lil ħaddiema tal-iskejjel**
Iċ-Ċirkolari ġiet għall-attenzjoni tal-kunsill.

**Inizzjattiva Pass Pass Ma' Puttinu, 21 ta' Novembru 2021.**
Il-kunsill ġie mistieden jipparteċiepa fl-inizzjattiva biex jinġabru fondi u titqajjem kuxjenza dwar il-kanċer tat-tfal fil-gżejjer Maltin.

Il-kunsill qabel li jgħin bl-aħjar mod.
Il-Kunsillier Graziella Galea semmiet li l-Live Streaming ma kienx qed jaħdem.
Is-Seg. Ezekuttiv infurmat li mhux minn naħa tal-Kunsill izda minn naħa tal-MITA.

**Tender Projects Manager SPB T/01/2021**
15 ta' Ottubru 2021 - il-kumpanija Yami Yama bagħtet avvizz lill-kunsill li permezz tiegħu rrinunzjat għall-kuntratt ta' Projects Manager li rebħet minħabba li l-istess kumpanija diġa toffri servizz ta' Contract Manager lill-kunsill. B'hekk, il-kumpanija li ġiet ikklassifikata bit-tieni l-aħjar offerta se tiġi mistiedna toffri l-istess servizz.

**PA/06173/20 Cream and Co, Triq San Xmun, San Pawl il-Baħar**
Sanctioning of extension of outdoor catering area to a gelateria, comprising of timber platform, remove aluminum structure, signs and fix bollards and demountable umbrellas.
Fl-ewwel ta' Ottubru, 2021, l-Awtorita ta' l-Ippjanar oġġezzjonat għas-sanzjoni ta' struttura (platform) li tpoġġit fi triq ir-Rebbiegħa b'mod illegali.
Il-kunsill qabel, li jekk jinstab li l-platform għadha fuq il-post għanda tinkieteb ittra uffiċjali mill-kunsill lill-Awtorita ta' l-Ippjanar biex din titneħħa b'mod immedjat. Altrimenti, ikun il-kunsill li jneħħiha għas-spejjeż tas-sidien.

Pagamenti tal-Kunsill għall-Perjodu bejn 22/05/2019 sal-04/07/2019
Il-Kunsillier Paul Bugeja rrefera għall-korrispondenza li ntbagħtet mill-avukat Dr Andrew Sciberras rigward pagamenti tal-Kunsill għall-perjodu bejn 22/05/2019 sal-04/07/2019 relatati ma ħlas ta' servizzi legali in konnessjoni ma' kawża ta' libell fejn hu staqsa; jekk kienx hemm pagamenti oħra simili li tħallsu qabel lill-kumpanija SMM Group?

Is-Sindku Alfred Grima rrisponda li sar qabel hu nħatar Sindku ma jafx.

Is-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout qalet li bagħtet email lill-kunsilliera bi spjega nkluż kopja ta' credit note u li hemm każ pendenti l-qorti. Ikkonfermat, li ma kienx hemm pagamenti simili qabel.

## 37.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet diversi mistoqsijiet lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku Alfred Grima informa, li hu mhux f'pożizzjoni li jirrispondi diversi mistoqsijiet li jintbagħtu lilu 20 minuta biss qabel tibda laqgħa tal-kunsill u mingħajr ma jkollu cans jivverifika dak meħtieġ. Ippropona, li l-mistoqsijiet jitwieġbu fil-laqgħa skedata li jmiss.

Is-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout irrispondit ż-żewġ mistoqsijiet segwenti.

1. X'ini r-raġuni għala l-video tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret fil-15 ta' Settembru sal-lum għadu ma ġiex uploaded online?
   **Risposta**: Fil-preżent qed issir tibdil tas-servizz online streaming għal Mita fejn dan għadu mhux konkluż u konsegwenza ta'hekk dak in-nhar ġejna infurmati li recording ma sarx.

**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888 ext 1,2,3,4

2. Jidher li minuti ta' laqgħa 33 mhumiex uploaded online; jistgħu dawn jiġu uploaded?
   **Risposta**: Se jiġu amendati u uploaded.

## 37.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti

### 37.6.1 Rapport ta' Reply to Management Letter

Is-Sindku Alfred Grima qal li komplessament, ir-rapport ta' l-awdituri għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020, juri titjib pożittiv sostanzjali fit-tmexxija tal-kunsill fuq is-snin preċidenti. Mill-banda l-oħra rrimarka, li l-akbar numru ta' nuqqasijiet iddentifikati mill-awdituri seħħew fi żbalji ripetuti sena wara l-oħra, fil-pagi, taxxi, bolli u proċeduri stabbiliti. Biex din il-materja tiġi ndirizzata hemm ħtieġa li jinxtara software tal-payroll. Jinnota ukoll, li l-awdituri għamlu diversi rimarki negattivi meta l-kunsill ikun diġa għadda d-dokumenti u r-risposti meħtieġa.

L-accountant tal-kunsill, Sinj.Romina Perici Ferrante u s-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout wieġbu għad-diversi domandi li tressqu mill-kunsilliera fosthom;

1.41 Dwar din ir-rimarka s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dawn il-pagamenti imorru lura snin fejn dan il-kunsill se jipprova jerġa jsib ftit ħin biex jiġu vverifikati wieħed wieħed u bhekk tittieħed azzjoni darba għal dejjem.

Re-1.43 *refundable deposits* is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-aħħar depositu ngħata lura u li anke din ir-rimarka ta' l-awdituri tirreferi għas-snin 2017/18, fejn kien hemm żmien meta l-kunsill żamm depożitu ta' 1,000 euro kontra xi ħsara li tista ssir fuq propjeta pubblika flok il-232.94 euro permessibbli bil-liġi.

Rigward il-100 euro depożitu l-kunsill qabel li jittieħed parir mingħand l-accountant taħt liema kategorija għadhom jitpoġġew biex bhekk din ir-rimarka tiġi eliminata ukoll.

Re-1.49 inġibdet l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, biex ir-risposta tagħha tiġi emendata minħabba l-fatt li verament hemm nuqqasijiet fil-minuti ndikati tal-kunsill relatati mal-ħin tal-bidu u/jew it-tmiem tal-laqgħa.

Re-1.56 l-Accountant infurmat li t-template tad-dipartiment ma jinkorporax dak li qed jiġi riferut mill-awdituri f'din ir-rimarka u għaldaqstant il-kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni dwar dan il-fatt. Intqal ukoll li n-nominal codes li juża l-kunsill ta' San Pawl il-Baħar huma dawk korretti.

Il-kunsill qabel li tinkieteb nota lid-DLG dwar il-fatt li l-awdituri jqiesu bħala direct order xiri ta'parts jew servizz li bilfors iridu jinxtraw mingħand kumpanija/persuna li oriġinarjament fornit prodott lill-kunsill hekk kif kienu l-każi tat-tiswija ta' *shutter* u tal-*lift* ta' l-uffiċju amministrattiv li rreferew għalih l-awdituri. L-istess jista jingħad għax-xiri ta'servizzi fejn fil-pajjiż huwa fornut

Sindku - Alfred Grima, Viċi Sindku – Carlos Zarb,
Kunsilliera – Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Mario Salerno, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina
Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

minn persuna/kumpanija waħda biss bħal każ ta’ l-iggalvaniżżar tar-rixtellu antik ta’ l-underground mill.

Il-Kunsillier Graziella Galea infurmat li l-liġi tgħid li għandha tiġi mgħarfa il-persuna lil min tkun qed titressaq il-mistoqsija qabel il-laqgħa hekk kif fil-fatt sar.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport kif ġie aġġornat.
Issekonda l-mozzjoni l-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Ir-risposta ġiet approvata nem.com.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għas-sospenzjoni ta’ l-aġenda biex jiġi diskuss item 36.6.5 Rapport Q3 Financial Statement 2021. Il-kunsill approva.

L-Accountant tal-kunsill tagħt spjega tar-rapport u rrispondit xi domandi li tressqu.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport bil-Kunsillier Anthony Delia jissekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem com r-rapport kif imressaq.

**37.6.1 Rapport ta’ Evalwazjoni – Tender SPB T/3/2021 Elevated Balcony Walkway**
Is-Sindku nforma li l-evalwazzjoni tat-Tender SPB T/3/2021 kien għadu mhux konkluż u għaldaqstant wieħed irid jillimita l-informazzjoni li tingħata.
Ic-Chair Person tal-Bord ta’ l-Aġġudikazzjoni, il-Kunsillier Daryl Connor, informa, li 2 kumpaniji biss urew interess u tefaw offerta, b’waħda minnhom ikollha dokumenti nieqsa. Iż-żewġ offeri kienu għola mill-baġit stabbilit. Intqal, li dan l-item jeħtieġ jerġa jitla fil-laqgħa skedata fejn huwa mistenni li l-Bord ta’ l-aġġudikazzjoni jressaq ir-rapport tiegħu.

**37.6.2 Rapport Ingaġġ ta’ Ħaddiema- Tradesman Mason**
Il-kunsill ġie nfurmat li l-interviews li kienu ppjanati li jsiru t-Tlieta 12 ta’ Ottubru 2021 kellhom jitħassru minħabba n-nuqqas ta’ interess li urew it-3 persuni li kienu fuq l-ewwel lista mibgħuta mill-Job Plus. Għall-interviews li nżammu nhar it-Tlieta 19 ta’ Ottubru 2021 attendiet persuna waħda biss minn 3, u din ppreżentat ċ-ċertifikati neċessarji, fejn għanda 40 sena esperjenza.Fir-rapport tiegħu l-Bord ta’ l-Għażla ppropona li tiġi mpjegata din il-persuna.

Is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport. Issekonda l-mozzjoni l-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Il-kunsill approva nem com ir-rapport kif imressaq.

**37.6.3 Rapport Ingaġġ ta’ Ħaddiema – Gardinar**
Għall-interviews li nżammu nhar it-Tlieta 12 ta’ Ottubru 2021, attendew 3 persuna biss minn lista ta’ 32 persuna li ntbgħatet mill-Job Plus. B’waħda biss mill-persuni kellha ċ-ċertifikati u l-esperjenza neċessarja. Fir-rapport tiegħu l-Bord ta’ l-Għażla ppropona, li l-persuna ndikata għanda tingħata prova.
Is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport. Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Anthony Delia.Il-kunsill approva r-rapport kif imressaq.

**37.7 Ħatra ta’ Bord ta’ l-Għażla – Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Alfred Grima nforma, li d-direzzjoni mogħtija lilu mid-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Natalino Attard hi, li l-kunsill għandu jaħtar Bord ta' l-Għażla u wara jikteb lill-AKL u lilu biex tinġib l-approvazzjoni. Għaldaqstant huwa ressaq mozzjoni biex il-Bord ikun kompost mis-Sindku, Viċi Sindku u l-kunsillier Anthony Delia li diġa huma membri fuq il-Bord ta' l-Għażla tal-Ħaddiema, bis-sostituti jkunu l-kumplament tal-membri eżistenti ta' l-istess bord. Issekonda l-mozzjoni l-Kunsillier Paul Bugeja

Il-Kunsilliera Graziella Galea resqet rikjesta għal vot minħabba li ma hemm rappreżentant tal-PN fuq il-Bord. Is-Sindku Alfred Grima nforma li dawk huma l-istess membri tal-Bord ta'l-Għażla tal-Ħaddiema li ġie approvat mill-kunsill.

Favur: Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Carlos Zarb, Kunsilliera Alfred Bray, Mario Salerno,Daryl Connor, Anthony Delia, Stephen Cremona, Anne Marie Fenech

Kontra:Graziella Galea, Anthony Attard, Antonette Bezzina

Astenzjoni: Chris Vella Petroni

Il-mozzjoni ġiet approvata.

**37.8 Item Laqgħa Annwali**
Il-kunsill approva li l-Laqgħa Annwali tinżamm il-Ħadd 5 ta' Diċembru 2021, fid-10.00 am
Mir-recording, jirrizulta li l-ikla kella tigi diskussa aktar il-quddiem u waqt l-istess diskussjoni s-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-BellaVista Hotel.

**37.9 Item: Ħatra Deputat Segretarju Ezekuttiv**
Il-kunsill approva li l-kariga eżistenti ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv tiġġedded.

**37.10 Item Ingaġġ Skrivani - Skala 15**
Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa għal ingaġġ ta' 2 skrivani skala 15.

**37.11 Item: Ġemellaġġi - Ċirkulari spi/tw/ 8/2021**
Il-kunsill approva li jinfetħu diskussjonijiet ma Oroslavje fil-Kroazja u Szeged fl-Ungerija bi ħsieb li għada pit-għada jiġi ffirmat ftehim ta' ġemellaġġ.
Il-Kunsillier Paul Bugeja semma li l-Kunsill diga kellu fteim ma' Larnaca gewwa Cipru.

**37.12 Item: Xemxija Pill Box : BOQ 49,098 Euro + Vat. Gal Majjistral**
Il-Kunsilliera Graziella Galea infurmat li hi membru tal-GalMajjistral.
Is-Segretarju Eżekuttiv Sinj.Mariella Strout qrat korrispondenza mibgħuta mill-perit tal-Kunsill fejn fost l-oħrajn dawn infurmaw li SCH approvaw il-proċedura għar-restawr. Biss għamlu rikjesta li l-kunsill iħallas għas-servizz ta'Arkeologista u li ssir garanzija bankarja. Ic-CRPD talbu li jsir modifikazzjoni fid-disinn. Minħabba l-bidliet imposti mill-Awtorita ta'l-Ippjanar se tiġi modifikata kemm l-offerta kif ukoll il-prezz ikkwotat.

Fid-dawl tal-perjodu qasir għal ksieb ta' fondi, il-perit issuġġerixxa li jimmodifika l-offerta biex tkopri biss xogħolijiet ta' restawr tal-Pill Box. It-tender għax-xogħolijiet l-oħra jistaw jinħareġ aktar tard.
Il-kunsill approva nem.com li dak issuġġerit mill-Perit tal-Kunsill.

**37.13 Item: Ġbid ta' Film – Triq il-Paġell**

Il-kunsill ġie nfurmat li nħareġ permess biex fil-21 ta' Ottubru 2021 isir ġbid ta' film fl-akkwati ta' Ras-il-Qawra. L-istess produzzjoni teħtieġ li jinġibdu aktar xeni fi propjeta privata fi triq il-Paġell fuq jumejn f'Novembru 2021 fejn huwa meħtieġ li t-triq inkwistjoni tingħalaq għat-traffiku bejn id-9.30 am u 13.30 pm. Transport Malta ma sabu l-ebda oġġezzjoni. Se titħalla donazzjoni ta' 800 euro lill-kunsill.
Il-Kunsill approva nem com.

**37.14 Item: Reġjun Tramuntana**

Is-Sindku Alfred Grima fahhar l-inizzjattiva tar-Reġjun Tramuntana għal pubblikazzjoni tal-ktieb "Colours of the North". Madanakollu, qal li jħossu diżappuntat bil-kbir li l-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar ingħata l-anqas spazju fil-ktieb b'14 il-paġna biss meta kunsilli oħra ngħataw prominenza b'6 paġni aktar. Mhux biss, mit-12 ir-ritratt li fiħ il-ktieb, 2 paġni nħlew juru x-xemx, ritratt ieħor inħela juri seahorse li jaf huwa meħud f'aqauruim privat, b'ritratt ieħor juri l-festa sekondarja tal-Wardija, b'dik 'ta' San Pawl il-Baħar njorata kompletament. Dan apparti, ritratt juri l-ġostra, attivita sinonima ma żewġ lokalitajiet oħra u mhux ma San Pawl il-Baħar. Ritratt ieħor juri biedwi li tinnota li ttieħed f'Malta minn numru ta' registrazzjoni tal-vettura biss, fejn l-aktar ħaga li tispikka huwa l-borġ terrapin li jidher fl-istess ritratt.Dan meta l-ktieb seta nkluda, ritratti ta' San Pawl Milqi, id-Dolmen, l-Underground Mill, il-Knisja tan-Nawfragju jew is-Salini li huma l-akbar li hawn f'Malta. Il-kunsill qabel li għanda tintbagħat email uffiċjali lir-Reġjun Tramuntana biex jiġi vverifikat is-sors li għadda r-ritratti u l-informazzjoni ppubblikati fil-ktieb inkwistjoni dwar il-lokalita ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk il-Kunsill giex mistoqsi ghal informazzjoni. Is-sindku qal li huwa infurmat li l-ebda informazzjoni relatata ma ntalbet f'din il-leġislatura.

**37.15 Item: Lezzjonijiet tal-Yoga**

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni ressaq proposta biex il-kunsill jibda jorganizza lezzjonijiet tal-Yoga bi skeda. Issekonda l-proposta l-Viċi Sindku Carlos Zarb. Il-kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' għalliem li joffri lezzjonijiet tal-Yoga sa massimu ta' 5,000 euro. Is-sejħa trid tindika b'mod ċar li l-ebda ħlas ma jkun hemm f'każ li l-attivita' titħassar minħabba l-maltemp u/jew nuqqas ta' parteċipazzjoni.

**37.16 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizżi.**

**Uffiċjal risponsabbli mid-Data (Ref. 55/0494/21/0SG) - 4**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' Uffiċjal risponsabbli mil-Protezjoni ta' Data

**Payroll Software**
Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' payroll software.

**Kwotazzjoni għall-provista ta' tqegħid ta'dwal tal-Milied – Triq Raddet ir-Roti**
Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar is-sejħa ta' offerti għal armar tad-dawl tal-Milied. Din il-materja kienet ser tinqabez kompletament mid-diskussjoni. Staqsa għaliex il-kunsill għażel it-tieni l-irħas offerta u din ma nġibitx għal approvazzjoni tal-kunsill u minn min saret l-aġġudikazzjoni? Staqsa jekk fil-kwotazzjoni kienx miktub id-daqs tal-forom u l-fustun?

Is-Sindku Alfred Grima qal, li kien hu flimkien mal-ħaddiema tal-kunsill li għamel l-aġġudikazzjoni u li dak li sar kien eżatt kif ġara dejjem, inkluż meta l-aġġudikazzjoni saret mill-Kunsillier Paul Bugeja. Fejn ir-raġuni li ntgħażlet it-tieni offerta kienet ibbażata fuq il-fatt li teżisti differenza kbira kemm fil-kobor kif ukoll fis-sbuħija tad-disinn u li l- ebda fustun tad-dawl ma se jintrama. Informa, li bejn l-irħas offerta u l-għola offerta kien hemm biss eur8 kera għal xhar sħiħ. Is-Sindku diversi drabi talab għall-vot, pero' il-Kunsillier Paul Bugeja ma qabilx mal-vot peress li d-deċizjoni kienet diġa meħuda u għalhekk il-vot ma tteħidx.

Is-Sindku qal li jekk jkun hemm bzonn iħallashom hu għax hu ma jitmellaħx bir-residenti.

**Skeda ta' pagamenti – 10/09/2021 – 13/10/2021**

824 – *Central Insurance* – Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex il-kunsill jagħtwa dak rakomandat mill-Awdituri rigward insurance.

883 – 881.1 - *Go Plc*

889 – 889.1 - Il-kunsill qabel li dawn iż-żewġ pagamenti jiġu vverifikati.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq rikjesta biex għall-laqgħa skedata li jmiss jingħata rendikont tal-kontijiet kollha tal-Go Plc u li l-kunsill jikkompara l-prezzijiet ta' l-internet ma kumpaniji oħra. Is-Sindku Alfred Grima fakkar, li l-istess Paul Bugeja kien għamel premura li servizzi simili jinxtraw kollha mingħand l-istess kumpanija.

891 – *Green MT – 10,574.96 euro – Contaminated recycling waste*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi mhux se tapprova il-ħlas mitlub minħabba li l-kunsill ma għmel l-ebda rikjesta biex jinġabar skart imħallat. Ta' l-istess fehma kien il-kunsill.

Lis-skeda ta' pagamenti ġiet approvata.

**<u>37.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss</u>**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fid-8.25 pm u aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Novembru 2021 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |